MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Numru. 388/1999

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Joseph Spiteri, iben Joseph, imwieled Pieta' fid-19 ta' Awwissu, 1967, Karta ta' l-Identita numru 355267(M)
U
Donald Camilleri, iben Henry, imwieled Pieta' fit-30 ta' Ottubru, 1972, Karta ta' l-Identita numru 488672(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
talli fis-26 ta' Lulju, 1998 għal ħabta tal-4.00 a.m. fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Angelo Carabott, kif ukoll, offiża ta'

natura ħafifa fuq il-persuni ta’ Ivan Carabott, Johann Curmi, Anton Baldacchino u Emanuel Balzan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta’ Lulju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub (fil-konfront taż-żewġ imputati):
fl-artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru, 2008 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda tal-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża titratta ġlied f’post tad-divertiment fis-26 ta’ Lulju, 1998.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Angelo Carabott qatt ma offra x-xhieda tiegħu billi hu nieqes minn dawn il-Gżejjer.

Illi mill-provi prodotti l-unika ħaġa li tirrizulta hi li l-imputat Joseph Spiteri għamel ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Ivan Carabott. Dwar il-kumplament ma hemm ebda prova oħra.

Illi jirrizulta li l-imputat Donald Camilleri ma għamel ebda ferita fuq il-persuni hawn fuq imsemmija.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat Donald Camilleri ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Ma ssibx lill-imputat Joseph Spiteri ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu dwar Angelo Carabott, Johann Curmi, Anton Baldacchino u Emanuel Balzan u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issib lill-imputat Joseph Spiteri ħati li għamel ferita ta’ natura ħafifa fuq il-

persuna ta' Ivan Carabott.  Rat l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.  Innotat li l-inċident ġara fis-sena 1998.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------